2024/2430

17.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2430

tas-16 ta' Settembru 2024

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' April 2018, Lhoist issottomettiet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 ([2]) għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-istess prodott bijoċidali uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, imsemmi "EuLA Ca(OH)2 template", tat-tipi ta' prodott 2 u 3, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-ER038692-23 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali. L-applikazzjoni indikat ukoll in-numru tal-każ tal-prodott bijoċidali uniku ta' referenza relatat "EuLA hydra-lime 23", awtorizzat aktar tard bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2701 ([3]), irreġistrat f'dak ir-Reġistru bin-numru tal-każ BC-JR038510-32.

(2) Il-prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template" fih id-diidrossidu tal-kalċju/l-idrossidu tal-kalċju/il-ġir kawstiku bħala s-sustanza attiva, inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi ta' prodott 2 u 3.

(3) Fit-22 ta' Settembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, l-Aġenzija ssottomettiet lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha ([4]) u l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali (summary of the biocidal product characteristics, "SPC") ta' "EuLA Ca(OH)2 template".

(4) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tikkonkludi li d-differenzi proposti bejn il-prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template" u l-prodott bijoċidali uniku ta' referenza relatat "EuLA hydra-lime 23" huma limitati għall-informazzjoni li tista' tkun soġġetta għal bidla amministrattiva f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([5]), u li abbażi tal-valutazzjoni tal-prodott bijoċidali uniku ta' referenza relatat "EuLA hydra-lime 23" u soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, l-istess prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template" jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 7.5.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/414/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2701 tal-4 ta' Diċembru 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku EuLA hydra-lime 23 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 2023/2701, 5.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2701/oj).

([4]) L-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tat-22 ta' Settembru 2022 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-istess prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template", (https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

(5) Fis-26 ta' Frar 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-SPC rivedut ta' "EuLA Ca(OH)2 template" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk jidhrilha li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template".

(7) Jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tkun allinjata mad-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-prodott bijoċidali uniku ta' referenza relatat "EuLA hydra-lime 23".

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0029505-0000 lil Lhoist għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-istess prodott bijoċidali uniku "EuLA Ca(OH)2 template", f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mis-7 ta' Ottubru 2024 sat-30 ta' Novembru 2033.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL PRODOTT BIJOĊIDALI

EuLA Ca(OH)2 template

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT03: Iġjene veterinarja

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0029505-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0029505-0000

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Isem/ismijiet kummerċjali tal-prodott**

Isem/Ismijiet kummerċjali	Neutralac® H Neutralac® H SQ Saniblanc® H

1.2. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Lhoist
	Indirizz	Rue Charles Dubois 28, 1342 Ottignies-Louvain-La-Neuve, il-Belġju
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0029505-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0029505-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Is-7 ta' Ottubru 2024	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	It-30 ta' Novembru 2033	

1.3. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Cal Industrial SL
Indirizz tal-manifattur	Pedro I, 19-21, 31007 Pamplona, Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	Cal Industrial SL site 1, Pedro I, 19-21, 31007 Pamplona, Spanja

Isem tal-manifattur	CalGov
Indirizz tal-manifattur	Carretera Fuente, Apartado 2, 41560 Estepa, Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	CalGov site 1, Carretera Fuente, Apartado 2, 41560 Estepa, Spanja

Isem tal-manifattur	Carrières et Chaux Balthazard et Cotte
Indirizz tal-manifattur	Rue du Pra Paris, 38360 Sassenage, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Carrières et Chaux Balthazard et Cotte site 1, Rue du Pra Paris, 38360 Sassenage, Franza

Isem tal-manifattur	Carrières et fours à chaux de Dugny
Indirizz tal-manifattur	BP1, 55100 Dugny-sur-Meuse, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Carrières et fours à chaux de Dugny site 1, BP1, 55100 Dugny-sur-Meuse, Franza

Isem tal-manifattur	Chaux de Boran
Indirizz tal-manifattur	Route de Boran, 60640 Précy-Sur-Oise, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Chaux de Boran site 1, Route de Boran, 60640 Précy-Sur-Oise, Franza

Isem tal-manifattur	Chaux de Bretagne
Indirizz tal-manifattur	53600 Evron, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Chaux de Bretagne site 1, 53600 Evron, Franza

Isem tal-manifattur	Chaux de la Tour
Indirizz tal-manifattur	1 chemin des Chaux de la Tour, 13820 Ensues La Redonne, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Chaux de la Tour site 1, 1 chemin des Chaux de la Tour, 13820 Ensues La Redonne, Franza

Isem tal-manifattur	Carrières et Fours à Chaux Dumont Wautier
Indirizz tal-manifattur	Rue la Mallieue 95, 4470 Saint-Georges-sur-Meuse, Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Carrières et Fours à Chaux Dumont Wautier site 1, Rue la Mallieue 95, 4470 Saint-Georges-sur-Meuse, Il-Belġju

Isem tal-manifattur	Etablissement Leon Lhoist
Indirizz tal-manifattur	Usine de On-Jemelle, 6900 Marche-en-Famenne, Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Etablissement Leon Lhoist site 1, Usine de On-Jemelle, 6900 Marche-en-Famenne, Il-Belġju

Isem tal-manifattur	Vápenka Čertovy schody a.s
Indirizz tal-manifattur	Tmaň 200, 267 21 Tmaň, Iċ-Ċekja
Post ta' siti ta' manifattura	Vápenka Čertovy schody a.s site 1, Tmaň 200, 267 21 Tmaň, Iċ-Ċekja

Isem tal-manifattur	Faxe Kalk
Indirizz tal-manifattur	Hovedgaden 13, 4654 Faxe Ladeplads, Id-Danimarka
Post ta' siti ta' manifattura	Faxe Kalk site 1, Gl. Strandvej 14, 4640 Faxe, Id-Danimarka

Isem tal-manifattur	Lhoist France Ouest
Indirizz tal-manifattur	15 rue Henri Dagallier, 38100 Grenoble, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Lhoist France Ouest site 1, 15 rue Henri Dagallier, 38100 Grenoble, Franza

Isem tal-manifattur	Lusical
Indirizz tal-manifattur	Valverde, 2025-201 Alcanede, Il-Portugall
Post ta' siti ta' manifattura	Lusical site 1, Valverde, 2025-201 Alcanede, Il-Portugall

Isem tal-manifattur	Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A.
Indirizz tal-manifattur	ul. Wapiennicza 7, 46-050 Tarnów Opolski, Il-Polonja
Post ta' siti ta' manifattura	Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A. site 1, ul. Fabryczna 22, 47-316 Górażdże, Il-Polonja Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A. site 2, ul. Bolesława Chrobrego 77B, 59-550 Wojcieszów, Il-Polonja Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A. site 3, ul. Wapiennicza 7, 46-050 Tarnów Opolski, Il-Polonja

Isem tal-manifattur	Lhoist Bukowa Sp. z.o.o
Indirizz tal-manifattur	ul. Osiedlowa 10, 29-105 Krasocin, Il-Polonja
Post ta' siti ta' manifattura	Lhoist Bukowa Sp. z o.o. site 1, ul. Osiedlowa 10, 29-105 Krasocin, Il-Polonja

1.4. **Manifattur(i) tas-sustanza/i attiva/i**

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Cal Industrial SL

Indirizz tal-manifattur	Pedro I, 19-21, 31007 Pamplona, Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	Cal Industrial SL site 1, Pedro I, 19-21, 31007 Pamplona Spanja

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	CalGov
Indirizz tal-manifattur	Carretera Fuente, Apartado 2, 41560 Estepa, Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	CalGov site 1 Carretera Fuente, Apartado 2, 41560 Estepa, Spanja

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Carrières et Chaux Balthazard et Cotte
Indirizz tal-manifattur	Rue du Pra Paris, 38360 Sassenage, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Carrières et Chaux Balthazard et Cotte site 1, Rue du Pra Paris, 38360 Sassenage, Franza

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Carrières et fours à chaux de Dugny
Indirizz tal-manifattur	BP 1, 55100 Dugny-sur-Meuse, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Carrières et fours à chaux de Dugny site 1, BP 1, 55100 Dugny-sur-Meuse, Franza

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Chaux de Boran
Indirizz tal-manifattur	Route de Boran, 60640 Précy-Sur-Oise, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Chaux de Boran site 1, Route de Boran, 60640 Précy-Sur-Oise, Franza

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Chaux de Bretagne
Indirizz tal-manifattur	53600 Evron, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Chaux de Bretagne site 1, 53600 Evron, Franza

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Chaux de la Tour
Indirizz tal-manifattur	1 chemin des Chaux de la Tour, 13820 Ensues La Redonne, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Chaux de la Tour site 1, 1 chemin des Chaux de la Tour, 13820 Ensues La Redonne, Franza

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Carrières et Fours à Chaux Dumont Wautier
Indirizz tal-manifattur	Rue la Mallieue 95, 4470 Saint-Georges-sur-Meuse, Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Carrières et Fours à Chaux Dumont Wautier site 1, Rue la Mallieue 95, 4470 Saint-Georges-sur-Meuse, Il-Belġju

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Etablissement Leon Lhoist
Indirizz tal-manifattur	Usine de On-Jemelle, 6900 Marche-en-Famenne, Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Etablissement Leon Lhoist site 1 Usine de On-Jemelle, 6900 Marche-en-Famenne, Il-Belġju

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Lhoist France Ouest
Indirizz tal-manifattur	15 rue Henri Dagallier, 38100 Grenoble, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Lhoist France Ouest site 1, 15 rue Henri Dagallier, 38100 Grenoble, Franza

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Lusical
Indirizz tal-manifattur	Valverde, 2025-201 Alcanede, Il-Portugall
Post ta' siti ta' manifattura	Lusical site 1 Valverde 2025-201 Alcanede Il-Portugall

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A.

Indirizz tal-manifattur	ul. Wapiennicza 7, 46050 Tarnów Opolski, Il-Polonja
Post ta' siti ta' manifattura	Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A. site 1, ul. Fabryczna 22, 47-316 Górażdże, Il-Polonja Zakłady Wapiennicze Lhoist S.A. site 2, ul. Bolesława Chrobrego 77B, 59-550 Wojcieszów, Il-Polonja

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Vápenka Čertovy schody a.s
Indirizz tal-manifattur	Tmaň 200, 267 21 Tmaň, Iċ-Ċekja
Post ta' siti ta' manifattura	Vápenka Čertovy schody a.s site 1, Tmaň 200, 267 21 Tmaň, Iċ-Ċekja

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Lhoist Bukowa Sp. z.o.o
Indirizz tal-manifattur	ul. Osiedlowa 10, 29-105 Krasocin, Il-Polonja
Post ta' siti ta' manifattura	Lhoist Bukowa Sp. z o.o. site 1, ul. Osiedlowa 10, 29-105 Krasocin, Il-Polonja

Sustanza attiva	Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi
Isem tal-manifattur	Faxe Kalk
Indirizz tal-manifattur	Hovedgaden 13, 4654 Faxe Ladeplads Id-Danimarka
Post ta' siti ta' manifattura	Faxe Kalk site 1, Gl. Strandvej 14, 4640 Faxe, Id-Danimarka

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Diidrossidu tal-kalċju/idrossidu tal-kalċju/ġir idrat/ġir mitfi		sustanza attiva	1305-62-0	215-137-3	100 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

DP — Trab li jitfarfar u WP — Trab tat-trab li jixxarrab (għall-użu biss għad-diżinfezzjoni tal-akkomodazzjonijiet tal-annimali; ħasil tal-ġir tal-ħitan

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H315: Jikkawża irritazzjoni tal-ġilda. H318: Jagħmel ħsara serja lill-għajnejn. H335: Jista' jikkawża irritazzjoni respiratorja.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P261: Evita li tibla' bin-nifs trabijiet. P264: Aħsel idejn sew wara li tużah. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P280: Ilbes ingwanti protettivi, ilbies protettiv, protezzjoni għall-għajnejn u protezzjoni tal-wiċċ. P302 + P352: JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel b'ħafna ilma. P321: Trattament speċifiku (ara Istruzzjonijiet fuq din it-tikketta). P332 + P313: Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda:Ikkonsulta tabib. P362 + P364: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati u aħsilhom qabel ma terġa' tużahom. P305 + P351 + P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-VELENU/TABIB/TABIB. P304 + P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P312: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-VELENU/tabib jekk tħossok ma tiflaħx. P403 + P233: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-il-kontenitur fi skont ir-regolamenti lokali.

4. **UŻU/I AWTORIZZATI**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Diżinfezzjoni tal-ħama tad-drenaġġ

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterja Isem komuni: Batterja Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: endoparassiti Isem komuni: Bajd tal-elminth Istadju iżvilupp: —

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: applikazzjoni diretta awtomatika Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jingħata d-doża fil-ħama tad-drenaġġ u jitħallat permezz ta' blender. Il-prodott xott jitħallat mal-ħama tad-drenaġġ f'mixer miftuħ. Il-prodott għandu jitgħabba bi proċessi kompletament awtomatizzati.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 0,2–2 kg prodott/kg piż xott tas-sottostrat; kontenut tipiku ta' solidi niexfa — 12–25 % fil-ħama tad-drenaġġ. Ir-rata ta' applikazzjoni għandha tkun biżżejjed biex iżżomm pH > 12 matul il-ħin tal-kuntatt. Dilwizzjoni (%): — Prodott lest għall-użu (RTU) Numru u ħin tal-applikazzjoni: Ħin ta' kuntatt: 24 siegħa sa 90 jum għall-endoparassiti (bajd helminth) — il-ħin speċifiku ta' kuntatt jiddependi fuq diversi parametri (eż. temperatura, kontenut ta' materja niexfa, eċċ.). Għandhom isiru testijiet preliminari tal-laboratorju biex tiġi ggarantita l-effikaċja.
Kategorija/i ta' utenti	Professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Trab bl-ingrossa Boroż jew xkejjer kbar (b'saff intern tal-Polipropilen (PP) jew tal-polietilene (PE): 500–1 000 kg

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

— Id-doża għandha tkun biżżejjed biex iżżomm pH > 12 matul il-ħin tal-kuntatt.

— Rata ta' applikazzjoni: 0,2–2 kg prodott/kg piż niexef tas-sottostrat; kontenut tipiku ta' solidi niexfa — 12–25% fil-ħama tad-drenaġġ.

— Il-proporzjonijiet jistgħu jvarjaw bejn l-applikazzjonijiet u d-disinji tal-impjanti tat-trattament. L-utent għandu jiżgura li t-trattament ikun effettiv permezz ta' testijiet tal-laboratorju preliminari li jiggarantixxu l-effikaċja skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għal kull każ.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— It-tagħbija tal-prodott fl-unità tat-trattament u l-applikazzjoni għandhom isiru b'mod sħiħ awtomatikament. It-tagħbija fit-taqsima tat-trattament u r-rimi ta' boroż u sacs vojta għandhom isiru bl-użu ta' telehandler (inkluża kabina magħluqa).

— Waqt it-tagħbija tal-prodott u r-rimi ta' boroż vojta, ilbes:

  — tagħmir protettiv respiratorju (RPE) ta' mill-inqas fattur ta' protezzjoni assenjat (APF) 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont l-Istandard Ewropew (EN) 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti);

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — b'mod ġenerali protettiv skont EN 13982 jew ekwivalenti (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

— Matul it-trattament tal-ħama tad-drenaġġ, l-ilbies tal-RPE tal-arja jew taċ-ċilindru speċifiku għall-gass tal-ammonja skont l-EN 14387 jew ekwivalenti, huwa rrakkomandat fin-nuqqas ta' miżuri ta' mmaniġġjar kollettiv biex tiġi stmata u evitata espożizzjoni akbar mill-valur limitu tal-esponiment okkupazzjonali tal-UE (OEL) ta' 14 mg/m3 għal dak il-gass.

— Matul it-trattament manwali tal-ħama tad-drenaġġ ittrattat uża ingwanti protettivi skont EN 374 jew coverall ekwivalenti u protettiv skont EN 14126 jew protezzjoni ekwivalenti kontra l-proprjetajiet intrinsiċi tal-ħama tad-drenaġġ.

— Id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

— Ara t-taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN

— It-tindif tat-trattament unitarju għandu jiġi evitat jew imwettaq bi proċess awtomatizzat mingħajr ebda espożizzjoni tal-professjonist.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Diżinfezzjoni tad-demel

Tip ta' prodott	PT03: Iġjene veterinarja
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterja Isem komuni: Batterja Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: endoparassiti Isem komuni: Bajd tal-elminth Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: applikazzjoni diretta awtomatika Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jitħallat mad-demel. Il-prodott jingħata d-doża fid-demel u jitħallat permezz ta' blender. Il-prodott għandu jitgħabba bi proċessi kompletament awtomatizzati.

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: — Dilwizzjoni (%): — Prodott RTU Numru u ħin tal-applikazzjoni: Ir-rata ta' applikazzjoni għandha tkun biżżejjed biex iżżomm pH > 12 matul il-ħin tal-kuntatt. Ħin ta' kuntatt: 72 siegħa sa 90 jum għall-endoparassiti (bajd helminth) — il-ħin speċifiku ta' kuntatt jiddependi fuq diversi parametri (eż. temperatura, kontenut ta' materja niexfa, eċċ.). Għandhom isiru testijiet preliminari tal-laboratorju biex tiġi ggarantita l-effikaċja.
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Trab bl-ingrossa Boroż kbar jew xkejjer (b'saff ta' ġewwa PP jew PE): 500–1 000 kg

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

— Id-doża għandha tkun biżżejjed biex iżżomm pH > 12 matul il-ħin tal-kuntatt.

— Tapplikax aktar minn 100 kg prodott/m^3 ta' demel

— Wara l-ħin ta' kuntatt meħtieġ, neħħi d-demel ittrattat mid-dar tal-annimali. L-użu tad-demel ittrattat skont il-leġiżlazzjoni lokali.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— It-tagħbija tal-prodott fl-unità tat-trattament u l-applikazzjoni għandhom isiru b'mod sħiħ awtomatikament.

— It-tagħbija fit-taqsima tat-trattament u r-rimi ta' boroż u sacs vojta għandhom isiru bl-użu ta' telehandler (inkluż kabina magħluqa).

— Waqt it-tagħbija tal-prodott u r-rimi ta' boroż vojta, ilbes:

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — coverall protettiv skont EN 13982 jew ekwivalenti (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti).

— Matul it-trattament tad-demel, l-ilbies ta' RPE tal-arja jew taċ-ċilindru speċifiku għall-gass tal-ammonja skont l-EN 14387 jew ekwivalenti, huwa rrakkomandat fin-nuqqas ta' miżuri ta' mmaniġġjar kollettiv biex tiġi stmata u evitata espożizzjoni akbar mill-valur limitu tal-esponiment okkupazzjonali tal-UE (OEL) ta' 14 mg/m3 għal dak il-gass.

— Waqt l-immaniġġjar manwali ta' demel ittrattat ilbes ingwanti protettivi skond EN 374 jew ekwivalenti u protezzjoni coverall skond EN 14126 jew protezzjoni ekwivalenti kontra l-proprjetajiet intrinsiċi tad-demel.

— Id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam od is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

— Ara t-taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN.

— It-tindif tat-trattament unitarju għandu jiġi evitat jew imwettaq bi proċess awtomatizzat mingħajr ebda espożizzjoni tal-professjonist.

— Tapplikax il-prodott jekk ir-rilaxxi minn djar tal-annimali jew minn żoni ta' ħażna ta' demel/demel likwidu jistgħu jiġu diretti lejn impjant tat-trattament tad-drenaġġ jew direttament lejn l-ilma tal-wiċċ.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 3

Diżinfezzjoni tal-uċuħ tal-art ta' ġewwa ta' akkomodazzjonijiet u trasport tal-annimali

Tip ta' prodott	PT03: Iġjene veterinarja
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterja Isem komuni: Batterja Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: Fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: applikazzjoni diretta Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jinfirex direttament fuq l-art ta' akkomodazzjonijiet tal-annimali bl-użu ta' tekniki manwali jew awtomatizzati. Tixrid manwali bl-użu ta' pala jew semi-awtomatizzat bl-użu ta' spreader b'impatt baxx.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 800 g prodott/m^2 Dilwizzjoni (%): — RTU prodott Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza fid-djar tal-annimali: qabel kull ċiklu ta' produzzjoni. Frekwenza fit-trasport tal-annimali: wara kull trasport tal-annimali. Ħin ta' kuntatt: 48 siegħa
Kategorija/i ta' utenti	professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Trab bl-ingrossa Boroż kbar jew xkejjer (b'saff ta' ġewwa PP jew PE): 500–1 000 kg Xkejjer tal-karti (b'saff intern PP jew PE): 25 kg

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Il-prodott jinfirex direttament fuq l-art tal-akkomodazzjonijiet u t-trasport tal-annimali, bl-użu ta' tekniki manwali jew awtomatizzati. Tixrid manwali bl-użu ta' pala jew semi-awtomatizzat bl-użu ta' spreader b'impatt baxx.

A. Fuq art tal-konkrit:

1. Aħsel il-wiċċ bl-ilma ġieri;
2. Roxx 800 g ta' prodott għal kull m^2 biex tgħatti l-art niedja u żid 0.9 litru/m^2 ta' ilma;
3. Titlaq biex taġixxi għal mill-inqas 48 siegħa;
4. Wara t-trattament, neħħi l-ġir bit-tfarfir.

B. Fuq art imsawta tal-art:

1. Xkupilja u mxarrba l-wiċċ;
2. Roxx 800 g ta' prodott għal kull m2 fuq l-art niedja u żid 0.9 litru/m^2 ta' ilma;
3. Ħalli biex taġixxi għal mill-inqas 48 siegħa.
4. Wara t-trattament, neħħi l-ġir bit-tfarfir.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— Waqt it-tagħbija, l-applikazzjoni tal-prodott u r-rimi ta' boroż u sacs vojta, ilbes:

  — RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti);

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — b'mod ġenerali protettiv skont EN 13982 jew ekwivalenti (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

— Għall-użu ta' boroż kbar (500-1 000 kg), it-tagħbija tal-prodott u r-rimi ta' boroż vojta għandhom isiru kompletament awtomatikament bl-użu ta' telehandler (inkluża kabina magħluqa).

— Waqt it-tagħbija ta' boroż żgħar (25 kg), battal sew il-borża sabiex tnaqqas kemm jista' jkun it-trab li jifdal.

— Għar-rimi ta' boroż żgħar vojta, xarrab il-borża u itwiha b'attenzjoni sabiex tevita kull tixrid.

— Waqt ir-rimi tal-prodott wara l-applikazzjoni, ilbes:

  — RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti);

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott)

  — b'mod ġenerali protettiv skont EN 13982 jew ekwivalenti (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

— Id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

— Ara t-taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN.

— L-annimali m'għandhomx ikunu preżenti matul it-trattament kollu.

— Neħħi r-residwi tal-prodott fuq l-art permezz ta' knis bir-reqqa qabel id-dħul mill-ġdid tal-annimali.

— L-għalf u l-ilma tax-xorb għandhom ikunu mgħottija jew imneħħija b'attenzjoni waqt l-applikazzjoni tal-prodott.

— Tapplikax il-prodott jekk ir-rilaxxi minn djar tal-annimali, żoni ta' ħażna ta' demel/demel likwidu, jew żoni ta' diżinfezzjoni tat-trasport tal-annimali jistgħu jiġu diretti lejn impjant tat-trattament tad-drenaġġ jew direttament lejn l-ilma tal-wiċċ.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

— Wara t-trattament, neħħi l-ġir bit-tfarfir. Iġbor l-iskart niexef li jirriżulta u rriċiklahom bħala materjal tal-ġir agrikolu jew armi l-iskart niexef skont ir-rekwiżiti lokali.

— Għall-użu tat-trasport tal-annimali biss: wara t-tfarfir u l-ħin ta' kuntatt meħtieġ, laħlaħ u naddaf il-vettura.

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 4

Diżinfezzjoni tal-akkomodazzjonijiet tal-annimali; ħasil tal-ġir tal-ħitan

Tip ta' prodott	PT03: Iġjene veterinarja
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterja Isem komuni: Batterja Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: Fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa

Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: applikazzjoni diretta b'pinzell Deskrizzjoni dettaljata: —
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 800 g prodott/m^2 Dilwizzjoni (%): — Numru u ħin tal-applikazzjoni: Il-prodott huwa sospiż fl-ilma (50 % w/v) qabel l-applikazzjoni tiegħu billi jitfarfar fuq il-ħitan. Ħin ta' kuntatt: 48 siegħa Frekwenza: qabel kull ċiklu ta' produzzjoni
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Trab bl-ingrossa Boroż kbar jew xkejjer (b'saff ta' ġewwa PP jew PE): 500–1 000 kg

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Għal saff wieħed:

Metodu ta' applikazzjoni għal 150 sa 200 m^2 ta' ħajt (skont il-porożità tal-ħajt):

1. Naddaf il-wiċċ bl-ilma ġieri qabel l-applikazzjoni tal-prodott.
2. Introduċi 25 kg ta' prodott f'50 litru ta' ilma;
3. Ħalli t-taħlita tistrieħ għal 12-il siegħa;
4. Ħallat it-taħlita u l-pinzell li jirriżultaw mal-ħajt;
5. Ħalli taġixxi għal mill-inqas 48 siegħa

Ir-rata ta' applikazzjoni hija 125–167 g prodott/m^2 għal saff wieħed. Hija meħtieġa rata ta' applikazzjoni finali ta' 800 g prodott/m^2, għalhekk għandhom jiġu applikati 5–7 kowtijiet, skont il-porożità tal-ħajt.

Ħawwad qabel u waqt l-applikazzjoni.

Il-prodott għandu l-ewwel jiġi trasferit kompletament awtomatikament għal tank medju ta' volum aktar baxx. Imbagħad, il-prodott jitgħabba manwalment mit-tank medju għal barmil.

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— Waqt it-tagħbija tal-prodott u r-rimi ta' boroż u sacs vojta, ilbes :

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — b'mod ġenerali protettiv skont l-EN 13982 (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti).

— Waqt l-applikazzjoni tal-prodott fuq il-ħitan, ilbes:

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — b'mod ġenerali protettiv skont l-EN 13034 (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

— RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P1 jew ekwivalenti).

— Id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

— Ara t-taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN.

— It-tagħbija tal-prodott u r-rimi ta' borož u sacs vojta għandhom isiru b'mod sħiħ awtomatikament bl-użu ta' telehandler (inkluża kabina magħluqa).

— Imminimizza l-isplashes u t-tixrid waqt l-applikazzjoni.

— Tħallix lil dawk li jkunu fil-qrib (inklużi l-ko-ħaddiema u t-tfal) imissu l-uċuħ ittrattati sakemm jinxfu kompletament.

— Tapplikax il-prodott jekk ir-rilaxxi minn djar tal-annimali jew minn żoni ta' ħażna ta' demel/demel likwidu jistgħu jiġu diretti lejn impjant tat-trattament tad-drenaġġ jew direttament lejn l-ilma tal-wiċċ.

— L-annimali m'għandhomx ikunu preżenti matul it-trattament kollu.

— Tħallix lill-annimal jerġa 'jidħol fl-akkomodazzjonijiet qabel ma jinxef kompletament l-uċuħ.

— L-għalf u l-ilma tax-xorb għandhom ikunu mgħottija jew imneħħija b'attenzjoni waqt l-applikazzjoni tal-prodott.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.5. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 5

Diżinfezzjoni ta' art ta' kumpartimenti tal-annimali ta' barra

Tip ta' prodott	PT03: Iġjene veterinarja
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Batterja Isem komuni: Batterja Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: Ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Fungi Isem komuni: Fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: Viruses Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: —

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq barra
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: applikazzjoni diretta Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jinfirex direttament fuq l-uċuħ (art) tal-kompartimenti tal-annimali bl-użu ta' tekniki manwali jew awtomatizzati. Tixrid manwali bl-użu ta' pala jew semi-awtomatizzat bl-użu ta' spreader b'impatt baxx.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 800 g prodott/m^2 Dilwizzjoni (%):— RTU prodott Numru u ħin tal-applikazzjoni: Ħin ta' kuntatt 48 siegħa Frekwenza: massimu ta' żewġ applikazzjonijiet fis-sena.
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Trab bl-ingrossa Boroż kbar jew xkejjer (b'saff ta' ġewwa PP jew PE): 500–1 000 kg Xkejjer tal-karti (b'saff intern PP jew PE): 25 kg

4.5.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

— Xkupilja u xxarrab l-art qabel l-applikazzjoni tal-prodott.

— Fil-bidu ta' ċiklu ta' produzzjoni, xerred 800 g prodott/m^2 tal-prodott fl-art u mbagħad żid 0.9 litru/m^2 ilma.

— Ħalli biex taġixxi għal mill-inqas 48 siegħa qabel ma ddaħħal annimali fiż-żona trattata.

— Għal użi fuq barra tal-prodott, tapplikax fil-każ ta' riħ jew xita.

4.5.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— Waqt it-tagħbija, l-applikazzjoni tal-prodott u r-rimi ta' boroż u sacs vojta, ilbes:

  — RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti);

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — b'mod ġenerali protettiv skont EN 13982 jew ekwivalenti (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

— Għall-użu ta' boroż kbar (500–1 000 kg), it-tagħbija tal-prodott u r-rimi ta' boroż vojta għandhom isiru kompletament awtomatikament bl-użu ta' telehandler (inkluża kabina magħluqa).

— Waqt it-tagħbija ta' boroż żgħar (25 kg), battal sew il-boroż sabiex tnaqqas kemm jista' jkun it-trab li jifdal.

— Għar-rimi ta' boroż żgħar vojta, xarrab il-borża u itwiha b'attenzjoni sabiex tevita kull tixrid.

— Waqt ir-rimi tal-prodott wara l-applikazzjoni, ilbes:

  — RPE ta' mill-inqas APF 40 (biċċa tal-wiċċ li ma jgħaddix arja minnha li tkopri għajnejn, imnieħer, ħalq u geddum skont EN 149 b'filtru P3 jew ekwivalenti);

  — ingwanti reżistenti għall-kimiċi skont EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott);

  — b'mod ġenerali protettiv skont EN 13982 jew ekwivalenti (materjal coverall li għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

— Id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir protective personali huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

— Ara t-taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN.

— Taqbiżx żewġ applikazzjonijiet fis-sena.

— L-annimali m'għandhomx ikunu preżenti matul it-trattament kollu.

— Neħħi r-residwi tal-prodott fuq l-art billi tfarfar bir-reqqa qabel id-dħul mill-ġdid tal-annimali.

— L-għalf u l-ilma tax-xorb għandhom ikunu mgħottija jew imneħħija b'attenzjoni waqt l-applikazzjoni tal-prodott.

4.5.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.5.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

— Wara t-trattament, neħħi l-ġir bit-tfarfir. Iġbor l-iskart niexef li jirriżulta u rriċiklahom bħala materjal tal-ġir agrikolu jew armi l-iskart niexef skont ir-rekwiżiti lokali.

4.5.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU** [1]

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

— Ħares mal-istruzzjonijiet għall-użu.

— Irrispetta l-kundizzjonijiet tal-użu tal-prodott.

— Irreferi għall-pjan ta' iġjene fis-seħħ sabiex tiżgura li jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' effikaċja.

— Għall-użu fuq barra tal-prodott, tapplikax fil-każ ta' riħ jew xita.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

— Tħallix persuni fil-qrib (inklużi ko-ħaddiema u tfal) u annimali domestiċi jidħlu fiż-żona tat-trattament matul it-tul kollu tat-trattament (inkluż it-tagħbija, l-applikazzjoni tal-prodott, ir-rimi ta' boroż u sacs vojta, il-ħin ta' kuntatt miftiehem u t-tneħħija sussegwenti tal-prodott u r-residwi tiegħu mill-art).

— Uża biss f'żona ventilata tajjeb.

[1] L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsima huma validi għal kull użu awtorizzat.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

— JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Imxi għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs. Jekk sintomi: Ċempel 112/ambulanza għall-assistenza medika. Jekk l-ebda sintomi: Ċempel ĊENTRU TAL-VELENU jew tabib.

— JEKK JINĦALL: Laħlaħ il-ħalq immedjatament. Agħti xi ħaġa x' tixrob, jekk persuna esposta tista' tibla'. TINDUĊIX rimettar. Ċempel 112/ambulanza għall-assistenza medika.

— JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda immedjatament b'ħafna ilma. Minn hemm 'il quddiem neħħi l-ħwejjeġ kollha kkontaminati u aħsel qabel terġa' tużah. Kompli aħsel il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Ċempel ĊENTRU TAL-VELENU jew tabib.

— JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ immedjatament bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk preżenti u faċilità li tagħmel. Kompli laħlaħ għal mill-inqas 15-il minuta. Ċempel 112/ambulanza għall-assistenza medika. Informazzjoni lill-persunal/tabib tal-kura tas-saħħa: l-għajnejn għandhom ukoll jitlaħalħu ripetutament fit-triq lejn it-tabib jekk l-esponiment tal-għajnejn għal kimika alkalina (pH > 11), amini u aċidi bħall-aċidu aċetiku, l-aċidu formiku jew l-aċidu propjoniku.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

— Tarmix prodott mhux użat fl-art, f'korsijiet tal-ilma, f'pajpijiet (eż. ta' sinkijiet, tojlits) jew ' l isfel mill-katusi.

— Armi l-prodott mhux użat, l-ippakkjar tiegħu u l-iskart l-ieħor kollu, skond ir-regolamenti lokali.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

— Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30 °C.

— Ipproteġi mill-umdità.

— Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 15-il xahar.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

It-titoli sħaħ tal-istandards u l-leġiżlazzjoni EN imsemmija fit-taqsimiet 4.1.2–4.5.2:

EN 149 — Apparati respiratorji protettivi — Filtrazzjoni ta' nofs maskri biex tipproteġi kontra partiċelli — Rekwiżiti, ittestjar, immarkar;

EN 374 — EN ISO 374-1: 2018: Ingwanti protettivi kontra kimiċi u mikroorganiżmi perikoluż — Parti 1: rekwiżiti ta' terminoloġija u prestazzjoni għal riskji kimiċi;

EN 13982 — Ilbies protettiv għall-użu kontra partiċelli solidi — Parti 1: Rekwiżiti ta' prestazzjoni għal ilbies protettiv kimiku li jipprovdi protezzjoni lill-ġisem sħiħ kontra partiċelli solidi fl-arja;

EN 14387 — EN 14387:2021: Apparati respiratorji protettivi — Filtru/i tal-gass u filtru/i kombinat(i) — Rekwiżiti, ittestjar, immarkar;

EN 14126 — BS EN 14126: 2003 — Ilbies protettiv. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u l-metodi tat-testijiet għall-ilbies protettiv kontra l-aġent infettiv;

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-aġenti kimiċi fuq ix-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).